SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla)

14 ta' Diċembru 2017 *

"Servizz pubbliku – Uffiċjali – Aġenti – Remunerazzjoni – Persunal tas-SEAE assenjat f'pajjiż terz – Artikolu 10 tal-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal – Evalwazzjoni annwali tal-allowance għall-kundizzjonijiet tal-ħajja – Deċiżjoni dwar it-tnaqqis tal-allowance għall-kundizzjonijiet tal-ħajja fil-Gana minn 25 għal 20 % – Eċċezzjoni ta' illegalità"

Fil-Kawża T-575/16,

David Martinez De Prins, uffiċjal tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, residenti f'Accra (il-Gana), u l-uffiċjali u l-membri tal-persunal l-oħra tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna li l-ismijiet tagħhom jidhru fl-Anness, irrappreżentati minn N. de Montigny u J.-N. Louis, avukati,

rikorrenti,

vs

Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), irrappreżentat minn S. Marquardt, bħala aġent, assistit minn M. Troncoso Ferrer, F.-M. Hislaire u S. Moya Izquierdo, avukati,

konvenut,

li għandha bħala suġġett talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament tar-rendikonti tar-remunerazzjoni tar-rikorrenti tax-xahar ta' Marzu 2015 kif ukoll tar-rendikonti tar-remunerazzjoni sussegwenti tagħhom, sa fejn dawn ir-rendikonti japplikaw id-Deċiżjoni tas-SEAE, tat-23 ta' Frar 2015, dwar it-tnaqqis, mill-1 ta' Jannar 2015, tal-allowance għall-kundizzjonijiet tal-ħajja mħallsa lill-persunal tal-Unjoni Ewropea assenjat fil-Gana,

IL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla),

komposta minn D. Gratsias, President, I. Labucka u I. Ulloa Rubio (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: X. Lopez Bancalari, Amministratur,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura u wara s-seduta tas-27 ta' April 2017,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

Sentenza

Il-kuntest ġuridiku

1 L-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea, fil-verżjoni tiegħu ta' qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li jemenda r-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2013, L 287, p. 15), jiġifieri fil-verżjoni applikabbli għat-tilwima (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal"), jiddetermina, skont l-Artikolu 1 tiegħu, id-dispożizzjonijiet partikolari derogatorji applikabbli għall-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea assenjati f'pajjiż terz.

2 L-Artikolu 10 tal-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal jippreċiża:

"1. Għandha tiġi ffissata allowance għall-kundizzjonijiet tal-ħajja, skont il-post tax-xogħol tal-uffiċjal, bħala perċentwal ta' ammont ta' referenza. Dak l-ammont ta' referenza għandu jkun magħmul mis-salarju bażiku totali, bl-addizzjoni tal-allowance tal-espatrijazzjoni, l-allowance tal-familja u l-allowance tat-tfal dipendenti, mingħajr it-tnaqqis obbligatorju msemmi fir-Regolamenti tal-Persunal jew fir-regolamenti adottati biex jimplementawhom.

[…]

Il-parametri li jridu jitqiesu sabiex tiġi ffissata allowance għall-kundizzjonijiet tal-ħajja għandhom ikunu li ġejjin:

– l-ambjent tas-saħħa u tal-isptarijiet,

– is-sigurtà,

– il-klima,

li għalihom għandu jiġi applikat piż ta' [1,]

– il-livell ta' iżolament,

– kundizzjonijiet tal-ħajja lokali oħra

li għalihom għandu jiġi applikat piż ta' 0.5.

[…]

L-allowance għall-kundizzjonijiet tal-ħajja stabbilita għal kull post tal-impjieg għandha tkun riveduta u, fejn xieraq, aġġustata kull sena mill-awtorità tal-ħatra wara li tinkiseb l-opinjoni tal-Kumitat tal-Persunal.

[…]" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

3 L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar l-allowance għall-kundizzjonijiet tal-ħajja u l-allowance komplementari previsti fl-Artikolu 10 tal-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni tas-17 ta' Diċembru 2013"), jistabbilixxi dan li ġej:

"Il-parametri previsti fl-Artikolu 10(1) tal-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal huma evalwati mill-[Awtorità tal-Ħatra] li tista' tibbaża, fost l-oħrajn, fuq l-informazzjoni pprovduta minn sorsi internazzjonali, pubbliċi jew privati affidabbli, mill-Istati Membri, kif ukoll mid-delegazzjonijiet tal-Unjoni u d-dipartimenti tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni."

4 L-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni tas-17 ta' Diċembru 2013 jipprovdi:

"Wara konsultazzjoni mal-Kumitati tal-Persunal tas-[Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna] u tal-Kummissjoni, l-[Awtorità tal-Ħatra] għandha tiddetermina biex ikollhom effett mill-1 ta' Jannar ta' kull sena, il-perċentwali tal-allowance għall-kundizzjonijiet tal-ħajja għall-postijiet differenti ta' impjieg […]" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

5 L-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni tas-17 ta' Diċembru 2013 huwa fformulat kif ġej:

"L-[Awtorità tal-Ħatra] għandha tistabbilixxi l-perċentwali msemmi fl-Artikolu 2 għal kull post ta' assenjazzjoni abbażi tal-informazzjoni għad-dispożizzjoni tagħha msemmija fl-Artikolu 1.

Il-parametri li jridu jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi ffissata allowance għall-kundizzjonijiet tal-ħajja għandhom ikunu, fost l-oħrajn, li ġejjin:

– l-ambjent tas-saħħa u tal-isptarijiet,

– is-sigurtà,

– il-klima,

– il-livell ta' iżolament,

– kundizzjonijiet tal-ħajja lokali oħra.

Għal kull parametru l-[Awtorità tal-Ħatra] tistabbilixxi l-livell ta' diffikultà f'numru ta' punti. Din id-data tiġi ttrasposta f'tabella ta' tqabbil, li tirriżulta minn stima finali, li għandha tirrifletti min-naħa tagħha l-perċentwali attribwit għall-allowance għall-kundizzjonijiet tal-ħajja. Il-metodoloġija użata hija s-suġġett ta' linji gwida adottati mis-S[ervizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna] bi qbil mad-dipartimenti responsabbli tal-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-grupp tekniku [allowance għall-kundizzjonijiet tal-ħajja].

Il-grupp tekniku [allowance għall-kundizzjonijiet tal-ħajja] huwa grupp *ad hoc* ta' natura konsultattiva li jinkludi membri tal-amministrazzjoni u tar-rappreżentanti tal-persunal tas-S[ervizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna], minn naħa, tal-Kummissjoni, min-naħa l-oħra. Ir-rappreżentanti tal-persunal jinħatru mill-Kumitat tal-Persunal tal-istituzzjoni tagħhom. Il-grupp tekniku [allowance għall-kundizzjonijiet tal-ħajja] jiddeċiedi fil-forma ta' rakkomandazzjonijiet dwar it-talba tal-[Awtorità tal-Ħatra]. Dan jiġi kkonsultat b'mod partikolari dwar id-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(1) u (3)."

6 Permezz ta' deċiżjoni tat-3 ta' Diċembru 2014, id-Direttur Ġenerali Amministrattiv tas-SEAE stabbilixxa l-linji gwida li jistabbilixxu l-metodoloġija għall-istabbiliment tal-allowances għall-kundizzjonijiet tal-ħajja u l-għoti ta' leave tal-mistrieħ (iktar 'il quddiem il-"linji gwida"). Din id-deċiżjoni, adottata fuq il-bażi tad-Deċiżjoni tas-17 ta' Diċembru 2013, daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2015.

7 Il-parametri meqjusa għall-istabbiliment tal-allowance għall-kundizzjonijiet tal-ħajja [iktar 'il quddiem l-"AKĦ"] fid-Deċiżjoni tas-17 ta' Diċembru 2013 ġew irriprodotti u applikati fil-linji gwida. B'mod iktar preċiż, l-Artikolu 1 tal-linji gwida jipprovdi:

"1. Fl-istabbiliment tal-perċentwali tal-[AKĦ] tal-postijiet differenti ta' assenjazzjoni, l-[Awtorità tal-Ħatra] għandha tqis il-parametri li ġejjin:

– l-ambjent tas-saħħa u tal-isptarijiet,

– is-sigurtà,

– il-klima,

– il-livell ta' iżolament,

– kundizzjonijiet tal-ħajja lokali oħra.

2. Kull wieħed minn dawn il-parametri għandu jiġi evalwat u jirċievi l-punteġġ li ġej:

– 1 meta l-kundizzjonijiet tal-ħajja jkunu ekwivalenti għal dawk fl-Unjoni Ewropea,

– 2 meta l-kundizzjonijiet tal-ħajja jkunu pjuttost diffiċili meta mqabbla ma' dawk fl-Unjoni Ewropea,

– 3 meta l-kundizzjonijiet tal-ħajja jkunu diffiċili meta mqabbla ma' dawk fl-Unjoni Ewropea,

– 4 meta l-kundizzjonijiet tal-ħajja jkunu diffiċili ħafna meta mqabbla ma' dawk fl-Unjoni Ewropea,

– 5 meta l-kundizzjonijiet tal-ħajja jkunu estremament diffiċili meta mqabbla ma' dawk fl-Unjoni Ewropea.

[…]".

8 L-Artikolu 2 tal-linji gwida jistabbilixxi:

"1. L-ambjent tas-saħħa u tal-isptarijiet

Il-punteġġ [għall-parametru] "[l]-ambjent tas-saħħa u tal-isptarijiet" ser jiġi ddeterminat fuq il-bażi tal-"karta sanitarja" komparattiva stabbilita mill-"International SOS" u, jekk ikun il-każ, [fuq il-bażi ta'] informazzjoni oħra pprovduta minn sorsi internazzjonali pubbliċi jew privati affidabbli.

2. Is-sigurtà

Il-punteġġ [għall-parametru] "[s]-sigurtà" ser jiġi ddeterminat fuq il-bażi tad-database "Country Threat Assesment" (CTA) ġestita mid-dipartimenti tas-sigurtà fi ħdan l-istituzzjonijiet u, jekk ikun il-każ, [fuq il-bażi ta'] informazzjoni oħra pprovduta minn sorsi internazzjonali pubbliċi jew privati affidabbli.

3. Il-klima

Il-punteġġ [għall-parametru] "[l]-klima" ser jiġi ddeterminat fuq il-bażi tad-data miksuba mill-Organizzazzjoni Meteoroloġika Dinjija u, jekk ikun il-każ, [fuq il-bażi ta'] informazzjoni oħra pprovduta minn sorsi internazzjonali pubbliċi jew privati affidabbli.

4. Il-livell ta' iżolament,

Il-punteġġ [għall-parametru] "[l]-livell ta' iżolament" ser jiġi ddeterminat fuq il-bażi tad-data kkomunikata mid-delegazzjonijiet b'risposta għal kwestjonarju u, jekk ikun il-każ, [fuq il-bażi ta'] informazzjoni oħra pprovduta minn sorsi internazzjonali pubbliċi jew privati affidabbli.

5. Kundizzjonijiet tal-ħajja lokali oħra

Il-punteġġ [għall-parametru] "[k]undizzjonijiet tal-ħajja lokali oħra" ser jiġi ddeterminat fuq il-bażi tad-data kkomunikata mid-delegazzjonijiet b'risposta għal kwestjonarju u, jekk ikun il-każ, [fuq il-bażi ta'] informazzjoni oħra pprovduta minn sorsi internazzjonali pubbliċi jew privati affidabbli."

9 L-Artikolu 3 tal-linji gwida jippreskrivi:

"L-evalwazzjoni tal-pajjiżi ser tiġi organizzata fi 3 stadji:

1. L-ewwel evalwazzjoni minn pajjiż fil-livell amministrattiv (MDR.C6, MDR.B1 u DEVCO.R4).

2. Evalwazzjoni intermedjarja: [s]tħarriġ tal-ewwel evalwazzjoni biex tiġi vverifikata l-koerenza reġjonali u jsir it-tqabbil ma' pajjiżi simili (MDR.C6 u DEVCO.R4 mad-dipartimenti tas-S[ervizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna] u d-dipartimenti ġeografiċi tal-Kummissjoni).

3. Evalwazzjoni finali u tqabbil mad-data tal-Istati Membri b'konsultazzjoni mal-Kumitat tat-Tmexxija għad-Delegazzjonijiet EUDEL.

Stadju 1: L-ewwel evalwazzjoni.

Id-dipartimenti amministrattivi għandhom iħejju evalwazzjoni inizjali għal kull parametru, billi jagħtu punteġġ minn 1 sa 5 skont is-sistema spjegata fl-Artikolu 2. Ir-riżultati jiddaħħlu f'tabella komparattiva u tiġi stabbilita stima tal-impatt baġitarju.

Stadju 2: Verifika tal-evalwazzjoni għall-koerenza reġjonali u tqabbil ma' pajjiżi simili.

L-evalwazzjoni reġjonali għandha tieħu inkunsiderazzjoni x-xebh jew id-differenzi reġjonali, il-fatturi ta' iżolament jew il-kundizzjonijiet lokali li jkunu komparabbli fir-reġjun. Id-dipartimenti ġeografiċi għandhom jevalwaw jekk ir-riżultati tal-istadju 1 jidhrux xierqa minn perspettiva reġjonali. B'mod simili, f'dan l-istadju tal-proċedura, għandhom jiġu vverifikati r-riżultati tal-pajjiżi komparabbli (komparabbli fil-livell tal-iżvilupp, tal-pajjiżi b'ekonomiji emerġenti, tal-pajjiżi tal-OECD, tat-territorji żgħar jew il-gżejjer).

Għandu jiġi stabbilit rapport li jikkonkludi t-tieni stadju, inkluż sunt tal-opinjonijiet irċevuti u stima tal-impatt baġitarju.

Stadju 3: L-evalwazzjoni finali.

Fil-kuntest tal-evalwazzjoni finali, il-Kumitat tat-Tmexxija għad-Delegazzjonijiet EUDEL għandu jkollu riżultati intermedjarji wara l-istadju 1 u l-istadju 2. F'dan l-istadju tal-proċedura, l-EUDEL għandu jipproċedi għal analiżi komparattiva u joħroġ l-evalwazzjoni finali […].

L-evalwazzjoni finali tippermetti l-aġġustament tal-punteġġi. Rapport finali għandu jiġi stabbilit b'deskrizzjoni tal-proċeduri u tal-konklużjonijiet, inkluża ġustifikazzjoni tal-punteġġi li ġew aġġustati u stima tal-impatt baġitarju."

10 L-Artikolu 4 tal-linji gwida jistabbilixxi:

"F'konformità mal-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni HR DEC(2013) 013 tas-17 ta' Diċembru 2013 tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar l-allowance għall-kundizzjonijiet tal-ħajja u l-allowance supplimentari, għandu jiġi kkonsultat il-grupp tekniku [AKĦ].

L-[Awtorità tal-Ħatra] tistabbilixxi l-[AKĦ] applikabbli għall-postijiet differenti ta' impjieg."

Il-fatti li wasslu għall-kawża

11 Ir-rikorrenti, David Martinez De Prins u l-persuni l-oħrajn li l-ismijiet tagħhom jidhru fl-Anness, huma uffiċjali jew membri tal-persunal assenjati lid-delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Gana (iktar 'il quddiem id-"delegazzjoni fil-Gana").

12 Fit-23 ta' Frar 2015, id-Direttur Ġenerali Amministrattiv tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) adotta, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 10 tal-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal, deċiżjoni li tirrevedi l-ammont tal-AKĦ imħallas lill-aġenti assenjati fil-pajjiżi terzi (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni tat-23 ta' Frar 2015"). Permezz ta' din id-deċiżjoni, ir-rata tal-AKĦ applikabbli għall-persunal tal-Unjoni assenjat lid-delegazzjoni fil-Gana tnaqqset, minn 25 għal 20 % tal-ammont ta' riferiment.

13 Is-SEAE applika għall-ewwel darba d-Deċiżjoni tat-23 ta' Frar 2015 bl-istabbiliment tar-rendikonti tar-remunerazzjoni tar-rikorrenti tax-xahar ta' Marzu 2015, inkluż it-tnaqqis retroattiv tal-AKĦ għax-xhur ta' Jannar u Frar 2015.

14 Ir-rikorrenti, skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, fil-21 ta' Mejju 2015, ippreżentaw quddiem l-Awtorità tal-Ħatra jew l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' reklutaġġ, ilment fil-konfront tad-Deċiżjoni tat-23 ta' Frar 2015 kif ikkonkretizzata fir-rendikonti tar-remunerazzjoni tagħhom tax-xahar ta' Marzu 2015.

15 Permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' Settembru 2015, l-Awtorità tal-Ħatra u l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' reklutaġġ ċaħdu dan l-ilment.

16 Ir-rikorrenti, mingħajr ma ġew ikkontradetti mis-SEAE, isostnu li ma kinux jafu bid-Deċiżjoni tal-15 ta' Settembru 2015 qabel is-17 ta' Diċembru 2015.

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

17 Permezz ta' rikors ippreżentat lir-Reġistru tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea fit-28 ta' Diċembru 2015, ir-rikorrenti ppreżentaw dan ir-rikors. Il-kawża ġiet irreġistrata taħt in-numru F-153/15.

18 Fit-23 Marzu 2016, is-SEAE ppreżenta r-risposta lir-Reġistru tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku.

19 Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE, Euratom) 2016/1192 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar it-trasferiment lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-ġuriżdizzjoni fl-ewwel istanza f'tilwimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-membri tal-persunal tagħha (ĠU 2016 L 200, p. 137), din il-kawża ġiet ittrasferita lill-Qorti Ġenerali fl-istat li din kienet tinsab fih fid-data tal-31 ta' Awwissu 2016. Din ġiet irreġistrata taħt in-numru T-575/16.

20 Permezz ta' ittra tar-Reġistru tal-Qorti Ġenerali tat-22 ta' Marzu 2017, is-SEAE ġie mistieden jeżegwixxi miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura adottati skont l-Artikolu 89(3)(a) u (d), u tal-Artikolu 90(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali. Huwa ta risposta għad-domanda magħmula mill-Qorti Ġenerali f'dan ir-rigward u pproduċa d-dokumenti mitluba lilu fit-terminu stabbilit.

21 Il-partijiet instemgħu oralment matul is-seduta tas-27 ta' April 2017.

22 Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– "tikkonstata l-inapplikabbiltà tad-Deċiżjoni tat-23 ta' Frar 2015, sa fejn din tnaqqas l-AKĦ għall-persunal tal-Unjoni Ewropea assenjat fid-delegazzjoni fil-Gana mill-1 ta' Jannar 2015";

– tannulla r-rendikonti tar-remunerazzjoni tagħhom tax-xahar ta' Marzu 2015 kif ukoll ir-rendikonti tar-remunerazzjoni sussegwenti kollha, sa fejn dawn japplikaw id-Deċiżjoni tat-23 ta' Frar 2015;

– tikkundanna lis-SEAE għall-ispejjeż.

23 Is-SEAE jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors bħala infondat;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

24 Permezz ta' digriet tad-19 ta' Mejju 2017, il-President tal-Ħames Awla tal-Qorti Ġenerali ddeċieda li jiftaħ mill-ġdid il-proċedura orali u, fil-kuntest ta' miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura, stieden lis-SEAE jipproduċi ċerti dokumenti. Is-SEAE wieġeb għal din it-talba tal-Qorti Ġenerali u pproduċa d-dokumenti mitluba lilu fit-terminu stabbilit.

Id-dritt

Fuq is-suġġett tal-kawża

25 Permezz tal-ewwel kap tat-talbiet, ir-rikorrenti jitolbu lill-Qorti Ġenerali "tikkonstata l-inapplikabbiltà tad-Deċiżjoni tat-23 ta' Frar 2015, sa fejn din tnaqqas l-AKĦ għall-persunal tal-Unjoni Ewropea assenjat fid-delegazzjoni fil-Gana mill-1 ta' Jannar 2015".

26 F'dan ir-rigward, hemm lok li jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-Artikolu 277 TFUE huwa l-espressjoni ta' prinċipju ġenerali li jiżgura lil kull parti d-dritt li tikkontesta b'mod inċidentali, sabiex tikseb l-annullament ta' att li tista' tippreżenta rikors kontrih, il-validità ta' att istituzzjonali preċedenti li jikkostitwixxi l-bażi legali tal-att ikkontestat, jekk din il-parti ma kellhiex id-dritt tippreżenta, skont l-Artikolu 263 TFUE, rikors dirett kontra tali att, li għalhekk tkun qiegħda tbati l-konsegwenzi tiegħu mingħajr ma kellha l-opportunità li titlob l-annullament tiegħu. Madankollu, il-possibbiltà mogħtija mill-Artikolu 277 TFUE sabiex tiġi invokata l-inapplikabbiltà ta' regolament jew ta' att ta' portata ġenerali li jipprovdi l-bażi legali tal-att ta' applikazzjoni kkontestat, ma tikkostitwixxix dritt ta' azzjoni

awtonomu u jista' jiġi eżerċitat biss b'mod inċidentali. Fl-assenza ta' dritt ta' rikors prinċipali, l-imsemmi Artikolu 277 TFUE ma jistax jiġi invokat (ara s-sentenza tas-27 ta' Ottubru 2016, BĊE vs Cerafogli, T-787/14 P, EU:T:2016:633, punti 42 u 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li, fil-kuntest tat-tieni kap tat-talbiet tagħhom, ir-rikorrenti jitolbu l-annullament tar-rendikonti tar-remunerazzjoni tagħhom tax-xahar ta' Marzu 2015 kif ukoll tar-rendikonti tar-remunerazzjoni sussegwenti kollha, sa fejn dawn japplikaw id-Deċiżjoni tat-23 ta' Frar 2015. Barra minn hekk, il-motivi tar-rikors huma intiżi għall-illegalità ta' din id-deċiżjoni tal-aħħar. Konsegwentement, bħalma kkonfermaw, barra minn hekk, ir-rikorrenti matul is-seduta, dawn għandhom jitqiesu bħala li jqajmu, permezz tal-ewwel kap tat-talbiet tagħhom, eċċezzjoni ta' illegalità, fis-sens tal-Artikolu 277 TFUE, fil-konfront tad-Deċiżjoni tat-23 ta' Frar 2015, li hija att ta' portata ġenerali, li tappoġġja t-tieni kap tat-talbiet tagħhom, li hija intiża għall-annullament tad-deċiżjonijiet individwali li japplikaw l-imsemmi att.

28 Madankollu, f'konformità mal-ġurisprudenza, din l-eċċezzjoni ta' illegalità hija ammissibbli biss jekk ir-rikorrenti jkollhom id-dritt li jitolbu l-annullament ta' dawn id-deċiżjonijiet individwali, li għandu jiġi eżaminat iktar 'il quddiem.

29 Permezz tat-tieni kap tat-talbiet tagħhom, ir-rikorrenti jitolbu lill-Qorti Ġenerali tannulla r-rendikonti tar-remunerazzjoni tagħhom tax-xahar ta' Marzu 2015 kif ukoll ir-rendikonti tar-remunerazzjoni sussegwenti kollha, sa fejn dawn japplikaw id-Deċiżjoni tat-23 ta' Frar 2015.

30 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-eżistenza ta' att li jikkawża preġudizzju fis-sens tal-Artikolu 90(2) u tal-Artikolu 91(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, hija kundizzjoni indispensabbli għall-ammissibbiltà ta' kull rikors ippreżentat mill-uffiċjali jew mill-uffiċjali rtirati kontra l-istituzzjoni li magħha huma jew kienu impjegati. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-miżuri biss li joħolqu effetti legali obbligatorji ta' natura li taffettwa direttament u immedjatament l-interessi tar-rikorrent, billi tibdel b'mod serju s-sitwazzjoni legali tiegħu, jikkostitwixxu atti li jistgħu jkunu s-suġġett ta' rikors għal annullament ippreċedut, bħalma jeżiġi l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal, minn ilment (sentenzi tal-14 ta' Frar 1989, Bossi vs Il-Kummissjoni, 346/87, EU:C:1989:59, punt 23; tat-18 ta' Settembru 2008, Angé Serrano *et* vs Il-Parlament, T-47/05, EU:T:2008:384, punt 61, u tas-16 ta' Lulju 2015, EJ *et* vs Il-Kummissjoni, F-112/14, EU:F:2015:90, punt 40).

31 Ir-rendikonti tar-remunerazzjoni, bħal dawk ikkontestati f'dan il-każ, jistgħu jikkostitwixxu atti li jikkawżaw preġudizzju u jistgħu, bħala tali, isiru s-suġġett ta' lmenti u eventwalment ta' rikors (digrieti tal-20 ta' Marzu 2014, Michel vs Il-Kummissjoni, F-44/13, EU:F:2014:40, punt 49, u tat-23 ta' April 2015, Bensai vs Il-Kummissjoni, F-131/14, EU:F:2015:34, punt 34).

32 Dan iseħħ ukoll meta deċiżjoni li jkollha suġġett purament pekunjarju tkun tista', minħabba n-natura tagħha, tkun riflessa minn tali rendikont tar-remunerazzjoni jew tal-pensjoni. F'dan il-każ, il-komunikazzjoni tar-rendikont mensili tar-remunerazzjoni jew tal-pensjoni għandha l-effett li tibda d-dekors tat-termini għall-preżentata ta' lment jew ta' rikors, intiżi rispettivament fl-Artikolu 90(2), u fl-Artikolu 91(3) tar-Regolamenti tal-Persunal, kontra deċiżjoni amministrattiva meta l-imsemmi rendikont ikun juri b'mod ċar u għall-ewwel darba, l-eżistenza u l-portata ta' din id-deċiżjoni (ara s-sentenza tal-5 ta' Frar 2016, Barnett u Mogensen vs Il-Kummissjoni, F-56/15, EU:F:2016:11, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 Dan huwa b'mod partikolari l-każ meta d-drittijiet affettwati, wara, pereżempju, emenda ta' att ta' portata ġenerali, ikunu essezjalment jew purament ta' natura pekunjarja. Fil-fatt, f'tali każ, it-tneħħija ta' pagament jew it-tnaqqis tal-ammont tiegħu, li jirriżultaw mir-rendikont tar-remunerazzjoni jew tal-pensjoni b'segwitu għal din l-emenda, jistgħu jirriżultaw biss mid-deċiżjoni tad-dipartiment kompetenti li japplika l-att ta' portata ġenerali inkwistjoni lill-uffiċjal jew lill-uffiċjal irtirat ikkonċernat

(sentenza tat-23 ta' April 2008, Pickering vs Il-Kummissjoni, F-103/05, EU:F:2008:45, punt 74; ara, ukoll, is-sentenza tal-5 ta' Frar 2016, Barnett u Mogensen vs Il-Kummissjoni, F-56/15, EU:F:2016:11, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

34 Madankollu, rendikont tar-remunerazzjoni jew tal-pensjoni, minħabba n-natura tiegħu u s-suġġett tiegħu, ma għandux il-karatteristiċi ta' att li jikkawża preġudizzju meta dan sempliċement jittraduċi f'termini pekunjarji l-portata ta' deċiżjonijiet ġuridiċi preċedenti, relatati mas-sitwazzjoni amministrattiva tal-uffiċjal jew tal-uffiċjal irtirat (sentenza tat-23 ta' April 2008 Pickering vs Il-Kummissjoni, F-103/05, EU:F:2008:45, punt 72), jew, fi kliem ieħor, meta jkun jidher b'mod purament konfermattiv biss minn dawn id-deċiżjonijiet amministrattivi preċedenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Settembru 2008, Lafili vs Il-Kummissjoni, F-22/07, EU:F:2008:104, punt 33).

35 B'mod partikolari, għalkemm, f'konformità mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 32 u 33 iktar 'il fuq, ir-rendikont tar-remunerazzjoni li juri, b'mod ċar u għall-ewwel darba, deċiżjoni purament pekunjarja jikkostitwixxi att li jista' jiġi kkontestat, ir-rendikonti tar-remunerazzjoni sussegwenti jikkostitwixxu atti purament konfermattivi tal-imsemmija deċiżjoni u ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' rikors għal annullament (ara s-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2007, Sack vs Il-Kummissjoni, T-66/05, EU:T:2007:370, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

36 F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali hija adita bil-legalità tar-rendikonti tar-remunerazzjoni tar-rikorrenti mix-xahar ta' Marzu 2015 mhux bħala tali, iżda bħala li jirriflettu d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra u tal-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' reklutaġġ li japplikaw, fil-każ tagħhom, ir-rata l-ġdida tal-AKĦ kif deċiża, għall-persunal tal-Unjoni Ewropea assenjat lid-delegazzjoni fil-Gana mill-1 ta' Jannar 2015, fid-Deċiżjoni tat-23 ta' Frar 2015, li tikkostitwixxi att ta' portata ġenerali.

37 F'dawn il-kundizzjonijiet, it-tieni kap tat-talbiet, sa fejn huwa intiż, essenzjalment, għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra u tal-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' reklutaġġ, li tinsab fir-rendikonti tar-remunerazzjoni tar-rikorrenti tax-xahar ta' Marzu 2015, li fil-konfront tagħhom tiġi applikata r-rata l-ġdida ta' AKĦ, kif deċiża fid-Deċiżjoni tat-23 ta' Frar 2015, għandu jiġi ddikjarat ammissibbli, filwaqt li jitfakkar li ċ-ċirkustanza li skontha l-istituzzjoni kkonċernata sempliċement tapplika r-regoli ta' portata ġenerali fis-seħħ ma hijiex rilevanti f'dan ir-rigward (sentenza tal-4 ta' Lulju 1985, Agostini *et* vs Il-Kummissjoni, 233/83, EU:C:1985:291, punt 13). Min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti ma humiex ammessi jitolbu l-annullament tar-rendikonti tar-remunerazzjoni sussegwenti, li jikkostitwixxu, fi kwalunkwe każ, atti purament konfermattivi.

38 Konswegwentement, l-eċċezzjoni ta' illegalità tad-Deċiżjoni tat-23 ta' Frar 2015, ippreżentata fil-kuntest tal-ewwel kap tat-talbiet, għandha tiġi ddikjarata ammissibbli wkoll.

Fuq il-mertu

39 Ir-rikorrenti jinvokaw, essenzjalment, ħames motivi, relatati mal-illegalità tad-Deċiżjoni tat-23 ta' Frar 2015. L-ewwel wieħed huwa mislut minn difett proċedurali, it-tieni wieħed minn żball ta' liġi, it-tielet minn ksur tal-prinċipju ta' nuqqas ta' retroattività, ir-raba' minn żball ta' evalwazzjoni u l-ħames minn nuqqas ta' motivazzjoni.

40 Insostenn tal-ewwel motiv tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw l-illegalità tad-Deċiżjoni tat-23 ta' Frar 2015 sa fejn din hija vvizzjata minn irregolarità, fin-nuqqas tal-osservanza tal-proċedura għall-istabbiliment tal-AKĦ kif stabbilita mil-linji gwida. Huma jsostnu li l-imsemmija proċedura ma żvolġietx f'konformità mal-linji gwida sa fejn, fl-ewwel lok, ma twettqet l-ebda konsultazzjoni sabiex jiġi rrimedjat in-nuqqas tal-aġġornament tal-evalwazzjoni li skadiet u, fit-tieni lok, il-grupp tekniku tas-SEAE (iktar 'il quddiem il-"grupp tekniku") ma ġiex ikkonsultat b'mod xieraq. Barra minn hekk,

huma ppreċiżaw matul is-seduta li, sa fejn il-kapijiet tad-delegazzjoni ma kinux ġew ikkonsultati fil-livell reġjonali, it-tieni stadju ta' din il-proċedura ma kienx seħħ korrettament, u b'hekk l-istess proċedura ġiet ivvizzjata kollha kemm hi.

41 Is-SEAE jikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

42 F'dan ir-rigward, minn naħa, hemm lok li jiġi nnotat li l-Artikoli 3 u 4 tal-linji gwida jiddefinixxu, fir-rigward tal-proċedura għall-istabbiliment tal-AKĦ, regoli li l-implementazzjoni tagħhom tissuġġetta r-regolarità tad-deċiżjoni adottata fi tmiem din il-proċedura.

43 Fil-fatt, f'konformità mal-Artikolu 3 tal-linji gwida, il-proċedura għall-istabbiliment tal-AKĦ hija organizzata fi tliet stadji. Matul l-ewwel stadju, titwettaq evalwazzjoni fil-livell nazzjonali għal kull post ta' assenjazzjoni. Matul it-tieni stadju, isir tqabbil reġjonali sabiex tiġi żgurata koerenza bejn il-postijiet differenti ta' impjieg, u fi tmiem dan l-istadju, jiġi stabbilit rapport. Matul it-tielet stadju, jitwettaq tqabbil globali mir-riżultati tal-ewwel u t-tieni stadji, li jippermetti l-aġġustament tal-punteġġi u, fi tmiem dan l-istadju, jiġi stabbilit rapport finali b'deskrizzjoni tal-proċeduri u tal-konklużjonijiet, inkluża ġustifikazzjoni tal-punteġġi li ġew aġġustati u stima tal-impatt baġitarju.

44 Barra minn hekk, l-Artikolu 4 tal-linji gwida jipprevedi li l-grupp tekniku għandu jiġi kkonsultat u jiddeċiedi fil-forma ta' rakkomandazzjoni għat-talba tal-Awtorità tal-Ħatra.

45 Min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 10 tal-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal, l-AKĦ tista' tiġi evalwata kull sena u, jekk ikun il-każ, riveduta biss wara opinjoni tal-Kumitat tal-Persunal tas-SEAE (iktar 'il quddiem il-"Kumitat tal-Persunal").

46 Huwa għalhekk fid-dawl tal-Artikolu 10 tal-Anness X tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-Artikoli 3 u 4 tal-linji gwida li hemm lok li jiġi eżaminat jekk, f'dan il-każ, il-proċedura għall-istabbiliment tal-AKĦ li ppreċediet l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tat-23 Frar 2015 hijiex regolari.

47 Għandu jiġi eżaminat, qabelxejn, jekk il-proċedura għall-istabbiliment tal-AKĦ, fi tliet stadji, kif prevista mil-linji gwida, ġietx osservata. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali, permezz ta' miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura, stiednet lis-SEAE jipproduċi, b'mod partikolari, ir-rapporti stabbiliti fi tmiem it-tieni u t-tielet stadji tal-proċedura għall-istabbiliment tal-AKĦ. Is-SEAE, b'risposta għad-domanda magħmula mill-Qorti Ġenerali, ipproduċa tliet tabelli bin-numru ta' punti mogħtija għal kull parametru skont il-livell ta' diffikultà kif ukoll l-istima finali li tirrifletti r-rata tal-AKĦ mogħtija għal kull post ta' impjieg, għal kull wieħed mit-tliet stadji ta' din il-proċedura.

48 Fid-dawl tal-fajl u tar-risposti pprovduti mis-SEAE għad-domandi magħmula mill-Qorti Ġenerali, hemm lok li jiġi kkonstatat li t-tieni u t-tielet stadji tal-proċedura għall-istabbiliment tal-AKĦ ma ġewx osservati għalkollox. Fil-fatt, minn naħa, fir-rigward tat-tieni stadju tal-imsemmija proċedura, filwaqt li l-Artikolu 3 tal-linji gwida jipprevedi li evalwazzjoni reġjonali għandha titwettaq b'kunsiderazzjoni tax-xebh jew tad-differenzi reġjonali, it-tabella ppreżentata mis-SEAE, li tikkonsisti f'tabella sempliċi mingħajr spjegazzjonijiet komplementari, ma tippermettix li jiġi kkonstatat li r-riżultati miksuba għal kull post ta' assenzjazzjoni effettivament tqabblu ma' oħrajn simili sabiex tiġi żgurata ċerta koerenza reġjonali. Barra minn hekk, minkejja li l-imsemmi artikolu jeżiġi r-redazzjoni ta' rapport ta' konklużjonijiet u sunt tal-opinjonijiet irċevuti, dawn ma ġewx prodotti.

49 Iktar minn hekk, matul is-seduta, is-SEAE rrikonoxxa li kinitx seħħet konsultazzjoni mal-kapijiet tad-delegazzjoni kollha flimkien fil-livell reġjonali fl-Afrika tal-Punent u fl-Ewropa matul it-tieni stadju tal-proċedura għall-istabbiliment tal-AKĦ.

50 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tat-tielet stadju tal-proċedura għall-istabbiliment tal-AKĦ, filwaqt li l-Artikolu 3 tal-linji gwida jipprevedi li, fi tmiem dan l-istadju, għandu jiġi stabbilit rapport finali b'deskrizzjoni tal-proċeduri mwettqa matulu kif ukoll tal-konklużjonijiet misluta, li jinkludu

ġustifikazzjoni tal-punteġġi li ġew emendati, tali rapport finali ma ġiex prodott, bis-SEAE jipproduċi biss tabella li fiha la hemm deskrizzjoni tal-proċeduri u lanqas il-konklużjonijiet li fihom ġustifikazzjoni dwar il-punteġġi li ġew emendati. Għaldaqstant, ma huwiex possibbli li jiġi vverifikat jekk dan l-istadju twettaqx f'konformità mar-rekwiżiti tal-imsemmi artikolu.

51 Barra minn hekk, mistoqsi matul is-seduta, is-SEAE rrikonoxxa wkoll li ma setax jiżgura li r-rapporti li għandhom jiġu adottati fi tmiem it-tieni u t-tielet stadji tal-proċedura għall-istabbiliment tal-AKĦ kienu ġew stabbiliti.

52 Imbagħad, hemm lok li jiġi eżaminat it-terminu li fih id-dokumenti ntbagħtu lill-grupp tekniku. Ir-rikorrenti jqajmu, f'dan ir-rigward, in-nuqqas ta' effikaċja tal-mekkaniżmu ta' konsultazzjoni tal-grupp tekniku fid-dawl tal-prattika tal-amministrazzjoni li tibgħat id-dokumenti ta' riferiment jumejn biss qabel il-laqgħa tal-grupp tekniku, li jagħmel impossibbli l-evalwazzjoni tal-informazzjoni neċessarja kollha għal mija u għoxrin post ta' assenjazzjoni. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat li, għalkemm il-konsultazzjoni tad-dokumenti ta' riferiment mill-grupp tekniku hija prevista mill-Artikolu 4 tal-linji gwida, ma jeżisti l-ebda rekwiżit formali, la fihom u lanqas fid-Deċiżjoni tas-17 ta' Frar 2013, li tistabbilixxi terminu minimu għall-bgħit ta' dawn id-dokumenti. Madankollu, in-nuqqas ta' tali rekwiżit ma jistax jiddispensa lis-SEAE mill-obbligu li jaġixxi, fil-kuntest tar-responsabbiltajiet tiegħu, bid-diliġenza kollha meħtieġa, sabiex dawn id-dokumenti jintbagħtu lill-imsemmi grupp tekniku kmieni biżżejjed sabiex jippermettilu jwettaq eżami komplet ta' dawn id-dokumenti qabel jagħti l-opinjoni tiegħu, peress li dawn id-dokumenti jikkonċernaw mija u għoxrin post ta' assenzjazzjoni. Madankollu, mill-proċess jirriżulta li l-finalizzazzjoni tat-tielet stadju tal-proċedura għall-istabbiliment tal-AKĦ ma seħħitx qabel il-21 ta' Jannar 2015, li d-dokumenti ntbagħtu lill-grupp tekniku fit-23 ta' Jannar 2015 u li dan ta l-opinjoni tiegħu fis-26 ta' Jannar 2015. Dan it-terminu ma huwiex biżżejjed biex jitqies li l-imsemmi grupp ġie kkonsultat b'mod xieraq. Barra minn hekk, sa fejn is-SEAE ma pproduċiex ir-rapporti li għandhom jiġu adottati fi tmiem it-tieni u t-tielet stadji tal-imsemmija proċedura, għandu jiġi dedott li dan il-grupp ma rċeviex id-dokumenti rilevanti kollha biex joħroġ l-opinjoni tiegħu.

53 Iktar minn hekk, mill-ittra tal-Kumitat tal-Persunal tad-19 ta' Frar 2015, indirizzata lid-Direttur tal-Persunal tas-SEAE, jirriżulta li l-imsemmi kumitat ta opinjoni pożittiva għad-Deċiżjoni tat-23 ta' Frar 2015, bir-riżerva ta' żewġ rimarki. Permezz tal-ewwel rimarka tiegħu, dan il-kumitat josserva n-nuqqas ta' konsultazzjoni tal-kapijiet ta' delegazzjoni fl-Afrika tal-Punent u fl-Ewropa u jitlob preċiżament li l-evalwazzjoni li tikkonċerna d-delegazzjoni fil-Gana tiġi ddikjarata taħt osservazzjoni. Permezz tat-tieni rimarka, l-istess kumitat jenfasizza li, matul il-konsultazzjoni tal-grupp tekniku, huwa indispensabbli li l-membri tal-grupp jirċievu d-dokumentazzjoni mill-inqas għaxart ijiem qabel id-data tal-laqgħa biex ikun jista' janalizzaha korrettament.

54 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti jsostnu li ma twettqet l-ebda konsultazzjoni għar-rimedju tan-nuqqas tal-aġġornament tal-evalwazzjoni li skadiet. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-Artikolu 2 tal-linji gwida jistabbilixxi li l-parametri "[l]-livell ta' iżolament" u "kundizzjonijiet tal-ħajja lokali oħra" ser jiġu ddeterminati mid-data pprovduta mid-delegazzjoni b'risposta għal kwestjonarju. F'dan il-każ, is-SEAE, sabiex jiddetermina l-punteġġ mogħti lil dawn iż-żewġ parametri, dwar id-delegazzjoni tal-Gana, ibbaża fuq evalwazzjoni mwettqa f'Lulju 2014. Madankollu, peress li linji gwida li jistabbilixxu l-metodoloġija l-ġdida għall-istabbiliment tal-AKĦ ġew adottati f'Diċembru 2014, jiġifieri sitt xhur wara li twettqet l-evalwazzjoni fi ħdan l-imsemmija delegazzjoni, u li din tal-aħħar, fl-ebda mument, ma ġiet ikkonsultata mill-ġdid sabiex jiġi rrimedjat dan in-nuqqas, ma jistax jiġi eskluż li konsultazzjoni xierqa kienet tippermetti li jiġu vverifikati l-kriterji tal-evalwazzjoni u li tkun tista' titwettaq evalwazzjoni iktar konformi mar-realtà tat-territorju u tal-linji gwida.

55 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li r-rikorrenti għandhom raġun isostnu li l-proċedura għall-istabbiliment tal-AKĦ kif prevista mil-linji gwida ma ġietx segwita korrettament f'dan il-każ.

56 Sabiex difett proċedurali jkun jista' jwassal f'dan il-każ għall-annullament tar-rendikonti tar-remunerazzjoni tar-rikorrenti, stabbiliti mix-xahar ta' Marzu 2015 u sat-28 ta' Diċembru 2015, sa fejn dawn japplikaw ir-rata l-ġdida tal-AKĦ kif deċiża mid-Deċiżjoni tat-23 ta' Frar 2015, għad irid jiġi stabbilit li, fin-nuqqas ta' din l-irregolarità, l-imsemmija deċiżjoni seta' jkollha kontenut differenti u li, għaldaqstant, dawn ir-rendikonti tar-remunerazzjoni stess setgħu japplikaw rata ta' AKĦ differenti (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tat-13 ta' Lulju 2000, Hendrickx vs Cedefop, T-87/99, EU:T:2000:191, punt 64 u l-ġurisprudenza ċċitata).

57 Tali irregolarità proċedurali għalhekk tista' tiġi ssanzjonata mill-annullament tad-deċiżjoni kkontestata biss jekk jiġi stabbilit li din l-irregolarità seta' jkollha influwenza fuq il-kontenut tad-deċiżjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-29 ta' Ottubru 1980, van Landewyck *et* vs Il-Kummissjoni, 209/78 sa 215/78 u 218/78, mhux ippubblikata, EU:C:1980:248, punt 47, u tad-9 ta' Marzu 1999, Hubert vs Il-Kummissjoni, T-212/97, EU:T:1999:39, punt 53). Madankollu, dan huwa l-każ f'dan il-każ, peress li ma jistax jiġi eskluż li konsultazzjoni xierqa seta' jkollha influwenza fuq il-kontenut tad-Deċiżjoni tat-23 ta' Frar 2015. Barra minn hekk, lanqas ma jista' jiġi eskluż li n-nuqqas ta' rapporti fi tmiem it-tieni u t-tielet stadji tal-proċedura għall-istabbiliment tal-AKĦ kien ta' natura li jippreġudika l-interessi tar-rikorrenti u jivvizzja għalhekk l-imsemmija proċedura fir-rigward tagħhom, peress li, mingħajr dawn l-irregolaritajiet fl-iżvolġiment tal-proċedura, id-Deċiżjoni tat-23 ta' Frar 2015 seta' jkollha kontenut differenti.

58 Fil-fatt, huwa importanti li jiġi enfasizzat li r-reviżjoni u, jekk ikun il-każ, l-aġġustament tal-AKĦ iwasslu għal eżerċizzju annwali li jkopri l-postijiet kollha ta' impjieg sabiex titqies l-evoluzzjoni tal-kuntest. Dan l-eżerċizzju jinkludi analiżi tal-kundizzjonijiet tal-ħajja li jipprevalu f'kull post ta' assenzjazzjoni, intiża biex tiddetermina jekk dawn humiex ekwivalenti jew le għal dawk affaċċjati fl-Unjoni. L-objettiv tal-aġġornament tal-AKĦ huwa għalhekk li l-ammont tal-allowance jsir jikkorrispondi għall-kundizzjonijiet tal-ħajja f'post tal-impjieg partikolari b'mod annwali. F'dan ir-rigward, il-pussess tad-data kollha pprovduta mid-delegazzjonijiet kif ukoll l-osservanza tal-mekkaniżmu ta' konsultazzjoni huma importanti ħafna sabiex issir magħrufa r-realtà tat-territorju f'kull post ta' assenjazzjoni u biex tkun tista' titqies l-evoluzzjoni tal-kuntest. Barra minn hekk, it-tqabbil tar-riżultati fil-konfront tal-kundizzjonijiet tal-ħajja f'reġjuni oħrajn simili, tal-kundizzjonijiet tal-ħajja fl-Unjoni kif ukoll b'mod globali huwa indispensabbli sabiex tiġi żgurata ċerta eżattezza u koerenza. L-irregolaritajiet imwettqa matul il-proċedura għall-istabbiliment tal-AKĦ, jiġifieri n-nuqqas ta' konsultazzjoni u n-nuqqas ta' stabbiliment ta' rapporti fi tmiem it-tieni u t-tielet stadji tal-imsemmija proċedura, għandhom effett ta' natura li jaffettwa l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni reali tad-delegazzjoni fil-Gana kif ukoll tal-evoluzzjoni fil-konfront tas-sena preċedenti.

59 Konsegwentement, mingħajr il-ħtieġa li jiġu eżaminati l-motivi l-oħrajn invokati mir-rikorrent, għandhom jiġu annullati r-rendikonti tar-remunerazzjoni tax-xahar ta' Marzu 2015 sa fejn dawn japplikaw ir-rata l-ġdida tal-AKĦ għall-uffiċjali u l-membri tal-persunal assenjati lid-delegazzjoni fil-Gana, kif deċiża fid-Deċiżjoni tat-23 ta' Frar 2015, u dan minħabba d-difett proċedurali li jivvizzja din id-deċiżjoni tal-aħħar.

Fuq l-ispejjeż

60 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li s-SEAE tilef, hemm lok li huwa jiġi kkundannat għall-ispejjeż, f'konformità mat-talbiet tar-rikorrenti.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **Ir-rendikonti tar-remunerazzjoni ta' David Martinez De Prins u uffiċjali u aġenti oħra tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) li l-ismijiet tagħhom jidhru fl-Anness stabbiliti mis-SEAE għax-xahar ta' Marzu 2015 huma annullati sa fejn dawn ir-rendikonti japplikaw id-Deċiżjoni tas-SEAE, tat-23 ta' Frar 2015, dwar it-tnaqqis, mill-1 ta' Jannar 2015, tal-allowance għall-kundizzjonijiet tal-ħajja mħallsa lill-persunal tal-Unjoni Ewropea assenjat fil-Gana.**

2) **Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.**

3) **Is-SEAE huwa kkundannat għall-ispejjeż.**

Gratsias Labucka Ulloa Rubio

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fl-14 ta' Diċembru 2017.

Ir-Reġistratur
E. Coulon

Il-President
D. Gratsias